**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Ottubru, 2021**

**Rikors Maħluf Nru: 534/2021**

***CARMELO CHETCUTI***

***vs.***

***JEFFREY ATTARD***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar żewġ talbiet mressqa minn Carmelo Chetcuti kontra Jeffrey Attard;

***Daħla***

2. B'**rikors maħluf imressaq fl-1 ta' Ġunju, 2021**, l-attur fisser li sat-30 ta' Novembru, 2018 huwa kien sellef lill-imħarrek is-somma komplessiva ta' €263,391.45;

3. Itenni li l-imħarrek Jeffrey Attard kien aċċetta li huwa midjun miegħu f'din is-somma permezz ta' stqarrija ffirmata minnu fl-14 ta' Diċembru, 2018 quddiem in-

Nutar Anthony Abela. Minkejja li Jeffrey Attard ġie mitlub irodd lura l-flus, dan baqa' ma raddhomx;

4. Għalhekk billi skont l-attur is-somma ta' €263,391.45 hija ċerta, likwida u dovuta u billi dejjem fil-fehma tal-attur, l-imsemmi Jeffrey Attard m'għandux eċċezzjonijiet xi jressaq kontra din it-talba għall-ħlas, huwa talab lil din il-Qorti li:

> «*Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta*»;
>
> *«Tikkundanna, għar-raġunijiet premessi, lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti s-somma bilanċjali kumplessiva ta' mitejn, tlieta u sittin elf, tlett mija, wieħed u disgħin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€263,391.45ċ) kif fuq spjegat;»*
>
> *«Bl-imgħax, mid-data illi l-kreditu reklamat sar dovut, sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment ma' din il-kawża, kontra l-intimat illi minn issa inġunt għas-subizzjoni.»*

5. B'**digriet kamerali mogħti fit-2 ta' Ġunju, 2021**, il-qorti ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors maħluf lil Jeffrey Attard u tagħtu l-jedd li jekk irid iressaq nota fir-reġistru tal-qorti jew fl-udjenza, sabiex biha jattakka l-proċedimenti magħmula mill-attur, bħala mhux regolari jew li ma jgħoddux għall-każ, u dan hekk kif jinsab imfisser fl-**artikolu 170(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

6. Fl-istess digriet il-qorti wissiet lill-imħarrek li jekk huwa ma jidhirx għas-smigħ, il-qorti kienet sejra tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-attur, skont l-**artikolu 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

7. Waqt is-seduta tad-**29 ta' Ottubru, 2021**, il-konvenut ippreżenta u ħalef nota ffirmata ta' ammissjoni quddiem il-qorti li permezz tagħha huwa ammetta għat-talbiet kollha tal-attur;

***Fatti***

8. B'kitba privata magħmula fl-14 ta' Diċembru, 2018 quddiem in-Nutar Anthony Abela (ara paġna 6 tal-atti), Jeffrey Attard stqarr lilu nnifsu bħala debitur ta' Carmelo Chetcuti fl-ammont ta' €263,391.45. Skont din id-dikjarazzjoni dan l-ammont kien imnissel minn self mogħti fuq l-idejn sat-30 ta' Diċembru[1], 2018 u mgħaxijiet li nġema' fuqhom;

9. Dejjem skont din id-dikjarazzjoni nofs din is-somma kellha titħallas sal-aħħar tas-sena 2019 u n-nofs l-ieħor sal-aħħar tas-sena 2020. Il-hlas lura kellu jsir bl-imgħax ta' 5% fis-sena pagabbli «*a scaletta*»;

10. L-attur Carmelo Chetcuti stqarr fl-affidavit tiegħu, li ġie mehmuż mar-rikors maħluf (ara paġna 5 tal-atti), li Jeffrey Attard ma ħallas xejn mis-somma ta' €263,391.45;

***Konsiderazzjonijiet***

11. Il-kawża li għandha quddiemha din il-qorti hija dwar radd lura ta' flus mogħtija mill-attur lill-konvenut, li baqgħu ma ġewx mgħoddija lura;

12. Illi l-konvenut ippreżenta nota waqt is-seduta tal-lum, fejn fiha huwa ammetta għat-talbiet kollha mressqa mill-attur;

13. Bil-liġi, skont l-**artikolu 693 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**,

---

[1] Mhux Novembru kif imniżżel ħażin fir-rikors maħluf.

> *«Kull ammissjoni ta' fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm, magħmula fil-qorti kemm barra mill-qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha.»*

14. Dwar l-ammissjoni, il-Qorti tal-Appell qalet fis-sentenza tagħha ***Kimberley Joy Agius v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali*** deċiża fis-6 ta' Ottubru, 2010,

> *«Illi, kif deċiż, skont il-liġi tal-proċedura, l-ammissjoni hija regina probationum u biżżejjed biex il-każ jingħalaq. Ara "***Carmelo Bonnici nomine -vs- Ronald Farrugia et***", Appell Ċivili, 26 ta' Ottubru, 1970. »*

15. Ta' min jgħid ukoll, li l-ġurisprudenza tgħallimna li meta qorti jkollha quddiemha ammissjoni tal-konvenut hija trid timxi billi tilqa' t-talbiet attriċi u mhux li tiddikjara li l-mertu huwa eżawrit (ara ***Maria Grima v. Alfred Attard et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020);

16. F'dan il-każ, il-qorti rat l-ammissjoni tal-konvenut, li biha ddikjara li t-talbiet tal-attur għandhom jintlaqgħu eżatt kif mitluba, inkluż ukoll bid-dispensa tas-smigħ. Għalhekk, la hemm qbil min-naħa tal-konvenut li joqgħod għat-talbiet tal-attur, allura l-qorti m'għandhiex għalfejn toqgħod tidħol biex tagħrbel dwar is-siwi tat-talbiet imressqa mill-attur. Dan hu hekk għaliex, *confessus pro iudicato est, qui quodammodo sua sententiae damnatur* – li maqlub għall-Malti tfisser – li dak li jammetti waqt il-proċess jikkundanna lilu nnifsu u għalhekk jiġi li jiddetta s-sentenza tiegħu stess;

17. Dwar l-imgħax mitlub mill-attur, il-qorti bit-tħaddim tal-**artikoli 1849** u **1850 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** ħa timxi fuq ir-rata ta' 5% imsemmija fil-kitba tal-14 ta' Diċembru 2018;

18. Hekk ukoll, mill-atti ma jirriżultax li s-self huwa ta' xorta kummerċjali jew ta' xorta li l-liġi tgħid li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu minn fuqu *ipso jure*;

19. Għalhekk tidħol hawnhekk ir-regola msemmija fl-**artikolu 1141(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li tgħid li l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dakinnhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju u dan minkejja li fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni;

20. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza ***Iris Dalmas v. Ronnie German et***, deċiża fis-16 ta' Marzu, 2005:

> *«Għall-iskop tad-dekorriment ta' l-imgħax hu meħtieġ interpellazzjoni formali biex id-debitur jitqiegħed in mora. Jiġifieri, «una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione» (**Kollez. Vol. XVI P I p 84**)»;*

21. Fil-każ tagħna, ma jirriżultax li Carmelo Chetcuti sejjaħ lil Jeffrey Attard b'att ġudizzjarju qabel ma fetaħ dawn il-proċeduri biex irodd lura s-self u jħallas l-imgħax. Għalhekk huwa dan ir-rikors maħluf innifsu, li għandu jitqies bħala l-att ġudizzjarju għall-għanijiet tal-**artikolu 1141(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

22. Il-qorti ttemm billi tgħid li din is-sentenza qiegħda tingħata b'ħarsien mat-terminu ta' disgħin jum imsemmi fl-**artikolu 219A tal-Kap 12 tal-Liġijiet**;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. <u>**Tilqa'**</u> l-ewwel talba tal-attur biex tipproċedi għas-sentenza mingħajr smigħ skont l-**artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**; u

ii. **<u>Tilqa’</u>** t-tieni talba tal-attur u b’hekk tikkundanna lil Jeffrey Attard iħallas lil Carmelo Chetcuti, is-somma ta’ €263,391.45, bl-imgħax bil-5% skont il-ftehim tal-14 ta’ Diċembru, 2018, mid-data tan-notifika tar-rikors maħluf fis-16 ta’ Settembru, 2021 sad-data tal-ħlas effettiv;

**<u>Tordna</u>** wkoll li l-ispejjeż kollha marbuta ma’ dawn il-proċeduri, magħdud magħhom l-ispejjeż tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju, jitħallsu kollha kemm huma minn Jeffrey Attard.

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**